

## II

(Atti mhux leġislattivi)

## REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1040/2010

tas-16 ta' Novembru 2010

**li jemenda l-Anness V tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1342/2007 fir-rigward tal-limiti kwantitattivi ta' ċerti prodotti tal-azzar mill-Federazzjoni Russa**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1342/2007 tas-22 ta' Ottubru 2007 dwar l-amministrazzjoni ta' ċerti restrizzjonijiet fuq importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-azzar mill-Federazzjoni Russa <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 5 tiegħu,

Billi:

- (1) Il-Komunità Ewropea u l-Federazzjoni Russa ffirmaw ftehim dwar kummerċ fċerti prodotti ta' l-azzar fit-26 ta' Ottubru 2007 <sup>(2)</sup> ('il-Ftehim').
- (2) L-Artikolu 3(3) tal-Ftehim jistipula li kwantitajiet mhux użati f'sena speċifika jistgħu jintużaw għas-sena ta' wara sa massimu ta' 7 % tal-limitu rilevanti kwantitattiv imsemmi fl-Anness II tal-Ftehim.
- (3) Bħal fl-2009, ir-Russja għarrfet lill-Unjoni Ewropea bl-intenzjoni tagħha li tuża d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 3(3) fil-limiti ta' żmien stabbiliti fil-Ftehim. B'rīżultat

tat-talba Russa, huwa xieraq li jsiru l-aġġustamenti meħtieġa għal-limiti kwantitattivi għas-sena 2010.

- (4) L-Artikolu 10 jistipula li ma' kull tiġid annwali, il-kwantitajiet f'kull grupp ta' prodotti għandhom jiżdiedu bi 2,5 %.
- (5) Ir-Regolament (KE) Nru 1342/2007 għandu jkun emendat skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

## Artikolu 1

Il-limiti kwantitattivi għas-sena 2010 imsemmija fl-Anness V għar-Regolament (KE) 1342/2007 jinbidlu ma' dawk imsemmija fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.

## Artikolu 2

Il-limiti kwantitattivi għas-sena 2011 li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-Artikolu 10(1) tal-Ftehim tal-2007 bejn il-Komunità Ewropea u l-Federazzjoni Russa dwar il-kummerċ fċerti prodotti tal-azzar huma stipulati fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

## Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħi l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħi f'il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Novembru 2010.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

<sup>(1)</sup> ĠU L 300, 17.11.2007, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 300, 17.11.2007, p. 52.

## ANNESS I

**LIMITI KWANTITATTIVI GĦALL-2010**

Prodotti	(tunnellati)
<b>Prodotti ċatti SA.</b>	<b>Sena 2010</b>
SA1. Kojl	1 117 305
SA2. Pjanċa Tqila	310 167
SA3. Prodotti ċatti oħrajn	670 709
SA4. Prodotti lligati	118 360
SA5. Pjanċi kwarto lligati	28 196
SA6. Pjanċi llegati rrumblati fil-ksieħ u miksijin	123 999
 <b>SB. Prodotti twal</b>	
SB1. Travi	62 018
SB2. Virga	365 262
SB3. Prodotti twal oħrajn	574 233

Nota: SA u SB huma kategoriji ta' prodotti  
Minn SA1 sa SA6 u minn SB1 sa SB3 huma grupp ta' prodotti

## ANNESS II

**LIMITI KWANTITATTIVI GĦALL-2011**

Prodotti	(tunnellati)
Sena 2011	
<b>Prodotti ċatti SA.</b>	
SA1. Kojl	1 114 582
SA2. Pjanċa Tqila	296 145
SA3. Prodotti ċatti oħrajn	640 750
SA4. Prodotti lligati	113 074
SA5. Pjanċi kwarto lligati	26 922
SA6. Pjanċi llegati rrumblati fil-ksieħ u miksijin	118 458
<b>SB. Prodotti twal</b>	
SB1. Travi	59 229
SB2. Virga	348 913
SB3. Prodotti twal oħrajn	545 984

*Nota:* SA u SB huma kategoriji ta' prodotti  
 Minn SA1 sa SA6 u minn SB1 sa SB3 huma grupp ta' prodotti